

22002D0138(01)

23.1.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 19/1

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 138/2002****tat-8 ta' Novembru 2002****li temenda l-Anness II (Ir-regolamenti tekniċi, l-istandards, it-testijiet u ċ-ċertifikazzjoni) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT GĦAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni Nru 124/2002 tal-Kumitat Konġunt għaż-ŻEE tas-27 ta' Settembru 2002 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li għandha x'taqsam mad-dispożizzjonijiet speċjali għall-vetturi wżati għall-ġarr tal-passiġġieri u li jkun fihom iktar minn tmien sedili b'żieda mas-sedil tas-sewwieq, u li temenda d-Direttivi 70/156/KEE u 97/27/KE <sup>(2)</sup> se tiġi inkorporata f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu I ta' l-Anness II mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. l-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE):

“– **32001 L 0085**: Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 (ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1).”

<sup>(1)</sup> ĠU L 336, tat-12.12.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1.

2. dan li ġej għandu jġi miżjud mal-punt 45w (id-Direttiva 97/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendata bi:

– **32001 L 0085**: Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 (ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1).”

3. Il-punt li ġej għandu jġi mdaħħal mal-punt 45x (id-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“45y. **32001 L 0085**: Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwardja d-dispożizzjonijiet speċjali għal vetturi użati għat-trasport ta' passiġġieri li jkollhom aktar minn tmien sedili b'żieda mas-sedil tas-sewwieq, u li temeda d-Direttivi, u li temeda d-Direttivi 70/156/KEE u 97/27/KE (ĠU L 4, tat-13.2.2002, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-għanijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-addattament li ġej:

(a) Fl-Anness I, dan li ġej għandu jġi miżjud mal-paragrafu 7.6.11.1:

‘Neyðarútgangur’

‘Nødutgang’;

(b) Fl-Anness I, dan li ġej għandu jġi miżjud mal-paragrafu 7.7.9.1:

‘Stoppistöd’

‘Stopper’.

#### Artikolu 2

It-test tad-Direttiva 2001/85/KE fil-lingwa Islandiż u Norveġiża, li se jġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE mal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunijiet Ewropej għandu jkun awtentiku.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 2002, ladarba n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt għaż-ŻEE (\*).

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Novembru 2002.

Għall-Kumitat Konġunt għaż-ŻEE

Il-President

Kjartan JÓHANNSSON

(\*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġiet kostituzzjonali.